# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum is-7 ta' Jannar 2020**

Appell numru 79 tal-2018

**Il-Pulizija**
**vs**
**Clayton TONNA**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-12 ta' Frar 2018 fil-konfront ta' **Clayton TONNA** karta tal-identità bin-numru 259585M li ġie mixli talli (in suċċint) fil-5 ta' Frar 2017 għall-ħabta ta' 12:00 u fil-ġranet u ħinijiet ta' qabel, f'dawn il-gżejjer:

   i. Għamel użu ħażin minn mezz ta' komunikazzjoni elettronika;
   ii. Permezz ta' telefonati inġurja lil Ilarya Grech;
   iii. Għamel inġurji u theddid mhix imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali;

iv. Bl-imġieba tiegħu ikkaġuna biża f'Ilarya Grech li kienet se tintuża vjolenza kontriha jew kontra proprjeta tagħha;
v. Bl-imġieba tiegħu ikkaġuna fastidju lil Ilarya Grech.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, iddisponiet minn din il-kawża bil-mod segwenti:

> Illi din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tar-raba akkuza. Issib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames akkuza u wara li rat li l-ewwel, it-tieni u it-tielet akkuza huma assorbiti ghall-fini ta' piena fil-hames akkuza. U wara li rat l-Art 251A(1)(b) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal multa ta' 2500euro u b'applikazzjoni tal-Art 383 tal-imsemmi kap 9 tordnalu biex ma jkellimx, ma jimmolestax u ma jingurjax lil Ilarya Grech ghal perjodu ta' sena millum taht penali ta' 1000euro.

3. Illi permezz ta' rikors datat 28 ta' Frar 2018 Clayton TONNA interpona appell mis-sentenza imsemmija aktar il-fuq fejn huwa saħaq li l-Qorti tal-Maġistrati naqset milli tagħmel kunsiderazzjonijiet legali fis-sentenza u għamlet apprezzament ħażin tal-fatti. Inoltre l-appellant ilmenta wkoll mill-piena erogata in kwantu tenna li kienet eċċessiva.

4. Illi matul it-trattazzjoni ta' dan l-appell u b'mod partikolari meta ġiet biex tqis il-parti dispożittiva tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, irriżulta lil din il-Qorti illi l-Qorti tal-Maġistrati, filwaqt li sabet lill-appellant ħati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-ħames imputazzjoni, hija indikat biss l-artikolu li joħloq ir-reat imsemmi fil-ħames imputazzjoni filwaqt li ma semmietx l-artikolu li joħloq ir-reati li tagħhom ġie misjub ħati u li kienu riflessi fl-imputazzjonijiet numru wieħed, tnejn u tlieta. Il-partijiet f'dan il-każ qablu li dan kien jammonta għal nuqqas ta' formalita

sostanzjali li skont ġurisprudenza kopjuża kienet twassal għal nuqqas t'osservanza ta' rekwiżit ad validitatem li joħroġ mill-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali u li konsegwentement in-nuqqas tiegħu iġib in-nullita tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

5. L-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi li :

> Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ***ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat***.

6. Illi r-rekwiżit tat-tismija tal-artikolu tal-Liġi li jkun jikkontempla r-reat skont l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali irid jiġi osservat anke fejn ikun hemm lok tal-konkors tal-pieni skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali. Illum huwa *ius receptum* li tali nuqqas t'adeżjoni mar-rekwiżiti tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali huwa meqjus bħala nuqqas ta' formalita sostanzjali li jimporta n-nullita tas-sentenza appellata, li saħansitra jista' anke jitqajjem *ex officio*.

# ***Deċide***

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qegħda tannulla s-sentenza appellata, u biex ma tipprivax lill-partijiet, u partikolarment lill-appellant mill-benefiċċju tad-*doppio esame,* qegħda tagħżel li tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati biex tkun dik il-Qorti li terġa' tiddeċiedi l-kawża mill-ġdid skond il-liġi.

***Aaron M. Bugeja***

***Imħallef***